

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/145****tat-30 ta' Jannar 2019****li jikkoreġi l-verzjoni lingwistika bl-Olandiż tar-Regolament (UE) Nru 68/2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verzjoni lingwistika bl-Olandiż tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 <sup>(2)</sup> fiha żball fl-entrati 13.8.1 u 13.8.2. fil-Parti C tal-Anness f'dak li għandu x'jaqsam mar-referenza għal kostitwent ta' materjal tal-għalf li jrid jiġi ddikjarat. Ir-referenza żbaljata għal "umdità" minflok "potassju" taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti obbligi tal-operaturi.
- (2) Għalhekk jenħtieġ li l-verzjoni lingwistika bl-Olandiż tar-Regolament (UE) Nru 68/2013 tiġi kkorreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1**(ma japplikax għal-lingwa Maltija)**Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> ĠUL 229, 1.9.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1).